MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 20/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Medina Travel Services Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmienja u erbghin Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmi, (LM3,048.71,0), rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal elf, sitt mija u tnejn u sebghin Lira Maltin u disgha u teltin centezmu, (LM1,672.39,0) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21524550 in kwantu ghal**

**disa' mija u sittin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (Lm960.76,0), fuq servizz telefoniku 21524551 u in kwantu ghal erba' mija u hmistax –il Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu, (LM415.56,0) fuq servizz telefoniku 21524552, (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A, dok B, dok C), liema servizzi gew installati fil-fond 'Fabian Flats', flat 3, Triq il-marfa, Tas-Sellum, Mellieha, (A/C 10208669, A/C 10208700 u A/C 10208701), rispettivament u dana kif jirrizulta mill-anness Dok D.;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-29 ta' April tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------